MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 845/2005

**Avukat Peter Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera *The Timberland Coppany***

***Versus***

**Avukat Mark Busuttil u Prokuratriċi Legali Hilda Ellul Mercer b'dikriet tat-3 t'Ottubru 2005 maħtura kuraturi sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetajiet esteri *XIA0005 UPTOP Trading Ltd* u *EURL Deguiche Import-Export***

Din il-kawża hija dwar proprjetà industrijali.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi s-soċjetà attriċi hija sidt it-*trademarks* magħrufa bħala *TIMBERLAND* u *Tree Logo* li kienu reġistrati l-ewwel darba ma' l-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali ta' Malta fit-12 ta' Mejju 1997 bin-numri 27074 u 27075 rispettivament.
Fis-6 t'Awissu 2005 ġewwa l-Port Ħieles ta' Marsaxlokk fuq il-vapur *MV Sea Arrow* daħal *container* bin-numru ECMU 9067790 li kien fih elf, mitejn u tmien (1,208) par żarbun tal-marka *TIMULAN*. Minn kampjun li ttieħed mis-

soċjetà attriċi iriżulta illi ż-żraben huma falzifikati skond l-art. 4 tal-Kap. 414 tal-Liġijiet ta' Malta għax il-marka *TIMULAN* tixbah ħafna lit-*trademark TIMBERLAND* u ma tistax tingħaraf minnha fl-aspetti essenzjali tagħha, għax it-*Timulan* "*Tree Logo*" huwa kważi identiku għat-*Timberland* "*Tree Logo*", u għal raġunijiet oħra li għandhom x'jaqsmu mal-mod kif inhuma pakkeġġjati ż-żraben. Għal dawn ir-raġunijiet x'aktarx illi dawn iż-żraben joħolqu konfużjoni f'moħħ in-nies u jiksru d-drittijiet ta' proprjetà industrijali ta' l-attriċi.

Is-soċjetà attriċi għalhekk fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konsenja ta' żraben tal-marki *TIMULAN* u *Timulan* "*Tree Logo*" misjuba fil-*container* bin-numru ECMU 9067790 li wasal fil-Port Ħieles fuq il-vapur *MV Sea Arrow* toħloq konfużjoni u għalhekk tikser id-drittijiet tas-soċjetà attriċi fit-*trademark TIMBERLAND* u *Timberland* "*Tree Logo*";
2. tgħid illi l-manufattura u l-produzzjoni ta' dawn iż-żraben minn terzi persuni mhux magħrufa tikser id-drittijiet ta' l-attriċi bħala sidt il-marki reġistrati *TIMBERLAND* u *Timberland* "*Tree Logo*";
3. tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u lill-Pulizija Esekuttiva, jew lil xi wieħed minnhom, sabiex, fil-preżenza ta' rappreżentanti tas-soċjetà attriċi, jeqirdu ż-żraben foloz fi żmien qasir u perentorju, bi flus il-konvenuti.

Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom l-imgħax fuq id-depożitu li kien meħtieġ sabiex il-merkanzija nżammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjeż sabiex il-*container* u l-merkanzija jinżammu mill-Kontrollur tad-Dwana, u l-ispejjeż sabiex tinqered il-merkanzija.

Il-kuraturi maħtura biex jidhru għall-konvenuti wieġbu illi ma jafux il-fatti tal-każ.

Mix-xhieda mressqa mis-soċjetà attriċi jidher illi tassew illi l-marki fuq iż-żraben li dwarhom saret il-kawża jixbhu lil dawk reġistrati f'isem is-soċjetà attriċi hekk illi jistgħu joħlqu konfużjoni f'moħħ in-nies u prodott ma jingħarafx minn ieħor. Għalhekk it-talbiet tas-soċjetà attriċi jixraq illi jintlaqgħu, ħlief għat-tieni talba illi l-qorti ma tistax tqisha billi tolqot terzi persuni li ma humiex parti fil-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk taqta' din il-kawża:

1. tgħid illi l-konsenja ta’ żraben tal-marki TIMULAN u *Timulan* “*Tree Logo*” misjuba fil-*container* bin-numru ECMU 9067790 li wasal fil-Port Ħieles fuq il-vapur *MV Sea Arrow* toħloq konfużjoni u għalhekk tikser id-drittijiet tas-soċjetà attriċi fit-*trademark* TIMBERLAND u *Timberland* “*Tree Logo*”; u

2. tordna lil min fost il-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Esekuttiva għandu ż-żraben fil-kontroll tiegħu sabiex jeqridhom kemm jista’ jkun malajr, fil-preżenza ta’ rappreżentanti tas-soċjetà attriċi.

Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż kollha, kemm dawk ġudizzjarji kif ukoll dawk mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------